**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 12 ta' Jannar 2017**

**Pulizija**

**Spettur Spiridione Zammit**

**Vs**

**Lara Baldacchino**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Lara Baldacchino ta' 26 sena bint Carol u Maria Theresa nee' Micallef imwieleda Pieta' fl-4 ta' Settembru 1989 u toqghod Bini tal-Gvern Numru 1, Triq it-Tigrija, Marsa, detentur tal-karta tal-identita' b'numru 411189M;

Talli bejn it-30 ta' Lulju 2012 u l-15 t'April 2015, f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1) Approprijat ruhha billi dawwret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu

minnha specifikat ghad-detriment t'Alex Farrugia w/jew persuni ohra w Miller Distributors Ltd u/jew entitajiet ohra;

2) Ukoll talli fl-istess cirkustanzi ikkommettiet serq ta' diversi 'appliances', stationery, fwejjah, flus u diversi oggetti ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna w valur li jeccedi l-elfejn tliet mija w disa' w ghoxrin euro w sebgha w tletin centezmu (€2329.37) ghad-detriment t'Alex Farrugia w/jew persuni ohra w Miller Distributors Ltd u/jew entitajiet ohra;

3) Ukoll talli fl-istess cirkostanzi xjentement laqghat ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistat b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahlet biex tmexxihom jew tbieghhom.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni f'dawn il-proceduri, fit-12 ta' Jannar 2017, li giet ikkonfermata minnha wara li nghatat iz-zmien xieraq skont il-ligi sabiex tikkonsidra sew l-ammissjoni taghha, u wara li l-Qorti wissietha solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u l-Qorti setghet tittratta mal-imputata b'mod sommarju u setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 261 (c, d), 268, 279, 293, 294 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputata;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmija imputata hatja tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannha tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal tlitt snin, ai termini tal-Artikolu 28° tal-Kap 9.

Tordna lill-imputata thallas is-somma ta' €9,984.73 fi zmien sitt xhur lil Miller Distributors ltd, ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kap 9.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**